MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Numru. 112/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Carlo Ellul**

**vs**

**Nicholas Micallef**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Nicholas Micallef ta’ 46 sena, iben Lawrence u Rita nee’ Falzon imwieled Qormi fis-6 t’ Awissu 1956 u residenti ‘Lorit’ Triq San Gorg, Qormi u detentur tal-karta’ tal-identita’ numru 545056 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Bejn is-16 ta’ Mejju 2002 u is-27 ta’ Mejju 2002, fl-M.C.P. Car Park il-Floriana, ikkommetta serq ta’ vettura IAS-847

ta’ ghamla Lada Samar, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) u bix-xorta ta’ haga misruqa, u lid an sar meta l-imsemmija vettura kienet taht il-kustodja ta’ Gvern ta’ Malta, bi ksur ta’ Art. 261; 267 u 271 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess perjodu, f’ Malta xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat sew jekk dan sar f’ Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b’ kull mod li jkun  indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Rrenda ruhu recediv b’ diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta fosthom dawk datati fit-22 ta’ Jannar 1997 u fit-23 ta’ Mejju 2002, liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali ta’ l ta’ Awissu 2007 (a folio 56 tal-process) fejn huwa deherlu li fil-konfront ta’ l-imputat tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-artikoli:

a) 261(c), 261(f) 261(g), 267 , 269(d), 270, 271(g), 278, 279, 280, 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta
b) 334(a), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta
c) 49 u 50, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta
d) 23, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi l-imputat fis-seduta tal-24 ta’ Jannar 2008 ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati u decizi bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Semghat il-provi u rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat Nicholas Micallef ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif registrata fis-seduta tad-29 ta’ Mejju 2008.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni

fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat skuza ruhu ma l-Awtoritajiet, l-fatt li r-recidiva ma tistax tirrizulta stante li ghaddew aktar minn hames (5) snin u in oltre l-fatt li l-akkuza ta’ ricettazzjoni ma tistax tirrizulta stante li tirrizulta l-akkuza ta’ serq.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli tal-Ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju tieghu tal-1 ta’ Awissu 2007(esebita a folio 56 tal-process) issib lill-imputat hati ta’ l-ewwel l-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li jikkommettix reat iehor sa zmien sena (1) millum. Ghar-ragunijiet spjegati l-fuq tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni u tat-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------